**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Alex Miruzzi**
**v**

**EMANUEL PACE**

**Illum,31 ta' Jannar, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL PACE** ta' tlieta w tletin sena, bin Anthony u Georgia nee Zerafa, imwieled l-Ingilterra nhar l-wiehed u tletin ta' Marzu, 1966, u joqghod Block C, Flat 2, Triq Gdida fi Triq il-Kanun, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 99585M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha ta' Jannar, 2000 ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar mill-Pieta kif wkoll f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Seraq karozza tal-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni DAN 851 li tiswa aktar minn mitt lira maltin pero inqas minn elf lira maltin ghad-detriment ta'

Joshua Grima, liema serq huwa ggravat bil-mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu karozza tal-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni DAN 851 jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq jew pprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura tal-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni DAN 851 fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq jew pprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura tal-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni DAN 851 fi triq jew post pubbliku wara li kien kkonsma tant alkohol li l-

proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew l-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, rrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs tieghu;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni DAN 851 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minhabba vettura bil-mutur fi triq, gara incident lil xi persuna, vettura, ziemel jew frata, hu bhala d-driver tal-vettura tal-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni DAN 851 naqas li jieqaf u meta gie mitlub minn xi persuna jaghti ismu u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid u l-marka jew n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura bil-mutur;

8. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bil-mutur minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

9. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, uza jew gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm il-darba, ghal uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skond l-kaz, ma kienetx ssehh polza ta' sigurta jew garanzija dwar r-riskju ta' terzi persuni;

10. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor jigifieri vettura tal-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni DAN 851 ghad-detriment ta' Joshua Grima u fil-vettura mudell Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni AAN 027 ghad-detriment ta' Paul Farrugia;

11. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi li kollha huma definittvi fosthom, sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata sbatax ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet Il-Pulizija v Emanuel sive Manuel Pace et, kif wkoll sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata tnejn u ghoxrin ta' Ottubru, 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija v Emanuel Pace et.

12. Talli kiser sentenza ta' sentejn habs li giet sospiza ghal erbgha snin mill-Qorti Kriminali (Guri) datata ghoxrin ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v Emanuel Pace et.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-provedimenti tal-artikolu 15H tal-Kap 65 u li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed u tletin ta' Jannar, 2000 sabiex din il-kawza tigi

trattata bi procedura sommarja esibit al fol 60 tal-atti bhala dokument CSH.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u l-provi kollha tad-Difiza.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 28A, 49, 50, 261, 263, 267, 271, 334, 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15A, 15B, 15E(4), 15H, 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendati fl-Att VI tal-1998, l-artikolu 67 Taqsima IV, l-artikolu 50(1) tal-Avviz Legali 128 tal-1994, l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil imputat jammetti l-akkuza ta' ricettazzjoni u l-akkuza li naqas li jaghti kampjun kif mahsub taht l-artikolu 15E(4) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u talli huwa recidiv.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet lil **PS Anthony Lia jixhed** fejn qal li l-imputat kien involut f'incident awtomobilistiku nhar d-disgha ta'

Jannar, 2000 ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar fi Fleur de Lys, waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni DAN 851, habat fil-vettura tal-ghamla Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni AAN 027 misjuqa minn Paul Farrugia. Huwa spjiega li waqt li l-vettura in kwistjoni kienet mahbuta per accidens ghadda minn fuq il-post Joshua Grima, sid il-vettura misjuqa minn Emanuel Pace u waqaf jistaqsi x'kien qed jaghmel bil-vettura l-imputat ghaliex huwa ma kienx tah permess isuqha.

L-Ufficjal tal-Pulizija dehrlu li l-imputat kien xurban u ghalhekk baghat ghall-Ufficjali tal-Mobile sabiex jiehdu l-*breathalyser test*. L-imputat, ghalkemm gie mgharraf li r-rifjut huwa reat, irrifjuta li jiehu dan t-test.

**Paul Farrugia spjiega** li l-hsarat subiti fil-vettura tieghu kagun ta' dan tal-incident jammontaw ghal tletin lira maltin.

L-imputat gie nvestigat a tempo vergine tal-incident u fil-fatt irrilaxxja stqarrija li tinsab esibita f'dawn l-atti a fol 28 w immarkata bhala dokument AM 1.

Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li fid-disgha ta' Jannar, 2000, l-imputat allegatament ssellef l-vettura tal-ghamla Austin Metro minghand certu Musu minn hdejn d-Detox Centre fi Gwardamangia. Huwa u jsuq il-vettura sejjer hdejn ommu, f'xi hin gie mwaqqaf minn bniedem li qallu li kien laqtu. Waqt li kienu qed jitkellmu, waqaf terza persuna maghruf bhala t-Trocadero z-zghir li stqarr li l-vettura fil-pusses tal-imputat kienet proprjeta tieghu.

Illi dan il-fatt gie ppruvat waqt is-smiegh tax-xhieda ta' din il-kawza meta xehed Brian Farrugia li hu rappresentant tal-Ufficju tal-Licenzji li qal li l-vettura tal-ghamla Austin Metro in dezamina kienet registrata f'isem Joshua Grima.

Meta l-imputat gie mistoqsi jekk kienx jaf li l-vettura kienet misruqa huwa wiegeb fin-negattiv. Qal wkoll li huwa ma kellux dawl peress li kien ghadu d-dawl, li ma kienx kopert b'polza ta' sigurta, li ma jafx jekk kellux licenzja tas-sewqan u li ma riedx jaghmel *breathalyser test*. Illi dak li qal fl-istqarrija ma giex kontradett minnu waqt l-proceduri ghaliex huwa ghazel, kif kellu kull dritt li jaghmel, li ma jixhidtx.

**PC 884 Joseph Muscat**, Ufficjal tal-Mobile, kkonferma li l-imputat ma riedtx jaghmel *breathalyser test* ghalkemm gie mgharraf li r-rifjut huwa reat.

Illi ghalhekk minn imkien ma jirrizulta li l-imputat seraq l-vettura; semmai jirrizulta li l-imputat ghandu jinsab hati ta' ricettazzjoni u dan fuq ammissjoni tieghu stess.

Illi dwar l-akkuza ta' sewqan traskurat u perikoluz, il-Qorti tiddikjara li qed ssib lil imputat hati u dan ghaliex jirrizulta mill-atti li l-imputat kien qed isuq l-vettura totalment *wrong side*, bla dawl u fil-fatt meta laqat lil Paul Farrugia lanqas biss induna u ghalhekk jirrizulta li ma kellux *proper look out* la tat-triq u lanqas ta' dak li kien hemm madwaru.

**Il-Qorti ghalhekk qed ssibu hati tal-akkuza ta' sewqan traskurat kif inkorporata fl-akkuza ta' sewqan perikoluz.**

**Dwar il-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 67 tal-Avviz Legali 128/1994, u cioe li naqas li jieqaf u jaghti d-dettalji tieghu**

**f'incident awtomobilistiku, il-Qorti ma tistax ssibu hati ta' din l-kontravenzjoni** ghaliex ma jirrizultax li l-imputat naqas li jieqaf voluntarjament w intenzjonalment. Izda dan sehh bhala rizultat ta' negligenza u traskuragni. Din l-akkuza tikkontempla sitwazzjoni voluntarja.

**Dwar l-akkuzi li l-imputat saq il-vettura bla licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr polza ta' sigurta, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova**. Il-Qorti hija rinfaccata bil-versjoni moghtija mill-imputat li ma kienx kopert bil-polza ta' sigurta waqt li minn ezami tal-okkorrenza, jirrizulta li l-vettura kienet koperta b'polza tas-sigurta mahruga mill-Ecclesiastical Insurance Company Limited (vide fol 54 tal-atti). Illi huwa veru li ma jirrizultax x'tip ta' polza kien hemm, izda **dan d-dubbju ghandu jmur favur l-imputat.**

**Illi dwar l-akkuza li l-imputat kkaguna hsara involuntarja fi proprjeta ta' Joshua Grima, din tirrizulta ppruvata** minn dak li qal l-istess Joshua Grima, liema xhieda mhux kontestata mill-imputat

fl-ebda stadju. Fil-fatt skond d-dokument AB 1 esibit a fol 75 tal-atti jirrizulta li l-hsarat jammontaw ghal tletin lira maltin.

**Dwar l-akkuza ta' recidiva** jirrizulta li l-Prosekuzzjoni esibit sentenza li hija mmarkata bhala dokument AM 3 a fol 31, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Ottubru, 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija v Louis Cassar u Emanuel Pace, sentenza ohra moghtija mill-Qorti Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v omissis Emanuel Pace li hija mmarkata bhala dokument AM 4 li tinsab a fol 40 tal-atti, sentenza ohra moghtija nhar s-sbatax ta' Jannar, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v Emanuel Pace et li hija mmarkata bhala dokument AM 5 u li tinsab a fol 43 tal-atti.

Is-sentenza esibita bhala dokument AM 5 giet kkonfermata minn PS 94 Mario Camenzuli fil-konfront tal-imputat dwar l-identita tieghu. Is-sentenza dokument AM 4 giet kkonfermata mill-Ispettur Kevin Ellul Bonici fil-konfront tal-imputat odjern.

Ghalhekk **ma hemmx dubbju li din l-akkuza ta' recidiva tinsab ppruvata b'mod sodisfacenti.**

**Dwar l-akkuza li kiser sentenza ta' sentejn habs li gew sospizi ghal erbgha snin,** liema sentenza giet moghtija mill-Qorti Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v omissis Emanuel Pace et, il-Qorti ezaminat din s-sentenza li tinsab esibita a fol 40 tal-atti minn fejn jirrizulta li fl-ghoxrin ta' Ottubru, 1998, l-imputat kien inghata sentenza ta' prigunerija ta' sentejn sospiza ghal erbgha snin. Illi dawn r-reati li l-Qorti sabet lil imputat hati taghhom, sehhew fid-disgha ta' Jannar, 2000 u ghalhekk fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza u ghalhekk **il-Qorti qed issbu hati wkoll.**

Dwar l-akkuzi naxxenti mill-artikolu 15 tal-Kap 65, kif emendati fl-att VI tal-1998, **il-Qorti rat li l-imputat rrifjuta li jiehu l-*breathalyser test*** meta gie mistoqsi minn Ufficjal tal-Mobile Squad, pero fl-ebda hin ma gie akkumpanjat il-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghat-tieni test u ghalhekk l-akkuza kif kontemplata fl-artikolu 15B tal-Kap 65 u 15E (4) tal-istess Kap ma jistghux jirrizultaw. Dan qed

jinghad in linea ma dak li gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza moghtija nhar t-tnejn ta' Settembru, 1999,*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Francis Pace**. Pero a bazi ta' dak li stqarr l-imputat u cioe li kien ilu jixrob hafna qabel ma saq, u li s-Surgent hass li l-imputat kien xurban ghaliex kellu riha ta' xorb u mill-manjiera kif kien qed isuq il-vettura, **il-Qorti thoss li l-imputat ma kienx f'kundizzjoni li jsuq u dan bi ksur tal-artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Dwar il-piena l-Qorti ezaminat **ix-xhieda moghtija minn Doctor Antoine Schranz** li huwa Konsulent fid-Dijabete fl-Isptar San Luqa minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu l-marda tad-Dijabete u jittaqqab darbtejn kuljum bl-insulina. Stqarr wkoll li f'kaz ta' problema ta' tehid ta' droga din il-problema medika ta' l-uzu tas-siringi ghat-tehid tal-insulina ma tghinx.

**Doctor George Grech stqarr** li l-imputat kellu problema ta' tossikodipendenza kif wkoll problemi medici fosthom id-Dijabete. Huwa spjiega li huwa kien qed jikkurah rigward il-problema tad-drogqa u stqarr li f'dawn l-ahhar erbgha snin l-imputat ma hax

methadone u ghalhekk dan jfisser li ghamel progress fil-kwistjoni tad-dipendenza tad-droga. Illi l-imputat jzomm l-appuntamenti tieghu b'mod regolari u dan jfisser li qed jaghmel progress.

**Xehdet wkoll Georgina Pace** li tigi omm l-imputat li qalet li l-imputat m'ghadx ghandu problema ta' tehid ta' droga u fil-fatt qed jghix maghha.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat instab hati ta' diversi reati fosthom arrest illegali, holdup, serq, pussess ta' droga, estorsjoni ta' flus, reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku u tal-armi u dan bejn l-1986 u l-1998, pero mill-1998 'l hawn, m'ghandu l-ebda *conviction* ohra.

Illi ghalhekk, in vista tal-progress li gie rrappurtat li ghamel minn Doctor George Grech, il-Qorti hija propensa li taghti l-ahhar cans lil imputat qabel ma tibghatu l-habs.

Qieset wkoll c-cirkostanzi kollha tal-kaz, specjalment li fl-akkadut meritu ta' dawn il-proceduri hadd ma sofra danni materjali

salv ghat-tletin lira, l-istat ta' sahha ferm prekarju u gravi li llum ghandu dan l-akkuzat li neccessarjament jirrikjedi kura adegwata u kostanti ta' kuljum.

Semghet dak kollu li gie sottomess da parti tal-Avukat Difensur mhux oppost mill-Prosekuzzjoni ghal dak li qal dwar l-istat ta' sahha tal-imputat u ghalhekk minhabba dan l-istat ta' sahha infelici tal-imputat il-Qorti thoss li m'ghadhix tikkundanna lil dan l-imputat ghal piena karcerarja effettiva u tordna li l-piena ta' sentejn habs sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 skond s-sentenza imposta fuqu moghtija fl-ghoxrin ta' Ottubru, 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tibda ssehh.

**Tiddecidi ghalhekk billi filwaqt li tiddikjara li qed issib lil imputat EMANUEL PACE hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu salv dik ta' serq aggravat, ta' sewqan taht l-effett tal-alkohol li l-proporzjon tieghi fin-nifs huwa ghola minn dak preskritt mill-ligi, li rrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs, li saq l-vettura minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr polza ta' sigurta u li ma waqafx u ta d-dettalji tieghu wara kollizzjoni,**

**tikkundannah fuq l-akkuzi misjub hati ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin u tordna ai termini tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-ordni originali moghtija fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-ghoxrin ta' Ottubru, 1998 fejn il-piena karcerarja ta' sentejn sospiza ghal erbgha snin u maghmula bis-sahha tas-subartikolu 1 tal-artikolu 28 tal-Kodici Kriminali billi testendi l-perjodu operattiv hemm specifikati ghal erbgha snin mill-lum.**

**In oltre ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil imputat jhallas lil Paul Farrugia s-somma ta' tletin lira maltin rappresentanti l-hsarat sofferti minnu f'din il-kollizzjoni fi zmien sitt xhur mill-lum.**

**In oltre tpoggih taht ordni ta' probation taht s-supervizzjoni tal-Probation Officer Marietta Lanzon ghal perjodu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-imputat probationer ghandu jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Probation Officer Marietta Lanzon, fosthom li jittiehdulu *urine samples at random,* liema Probation Officer ghandha tirrelata lura lil din l-Qorti kull sitt xhur dwar l-andament tieghu.**

**Oltre dan tordna li jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett xhur bl-applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret lil imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tintbaghat lil Probation Officer Marietta Lanzon.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**